# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar il-21 ta' Marzu 2021

**Rikors Numru : 580/2021 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**DM**

**v.**

**KM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DM [K.I. Nru. 70674(M)], datat 25 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Il-kontendenti żżewġu fis-disgħa u għoxrin ta' April (29) ta' April tas-sena elf disa' mija, ħamsa u disgħin (1995) (Dok 'A').*

2. *Miż-żwieġ tal-kontendenti tnisslu żewġ (2) ulied – YM u AM aħwa M illi twieldu f'X u f'Y rispettivament;*

3. *Il-kontendenti nfirdu personalment in forza tal-att pubbliku li jġib id-datat is-sitta (6) ta' Frar tas-sena elf disa' mija elfejn u tlieta (2003), in atti tan-Nutar Dottor Robert Bisazza, (Dok. 'B').*

4. *B'hekk, illum il-kontendenti ilhom ma jgħixu flimkien għal aktar minn tmientax-il (18) sena.*

5. *L-esponenti tixtieq li tirriverti għal kunjom xbubita u ċioè dak 'P'*

6. *Ma jeżisti ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin.*

7. *In oltre l-istipulazzjoni tal-kuntratt sureferit għall-finijiet ta' manteniment m'għadx għadu dovut peress li ulied mnissla minn dan iż-żwieġ huma t-tnejn maġġorenni;*

8. *Għaldaqstant, ir-rekwiżiti imposti mil-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jinstabu ampjament sodisfatti.*

9. *Il-kontendenti huma domiċiljati Malta u dejjem kienu ordinarjament residenti ġewwa Malta.*

10. *L-esponenti tikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors bil-ġurament tagħha.*

*Għaldaqstant, u in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia, l-ħall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet*
2. *Tippronunzja li l-esponenti tirriverti għal kunjom xbubita u ċioè 'P'*
3. *Tordna li jiġu rranġati dawk l-atti kollha meħtieġa sabiex l-esponenti tkun tista' tbiddel kunjomha minn M għal dak ta' P;*
4. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien minnha stabbilit, javża lid-Direttu tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' KM datata 4 ta' Jannar 2022, a fol 17 et seqq., li taqra hekk:

*Illi l-esponenti jikkonferma li l-kontendenti zzewgu fid-29 t'April, 1995 u li sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fis-6 ta' Frar,*

*2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Roberta Bisazza.*

*Illi l-esponenti jikkonferma li l-kontendenti ilhom separati ghal aktar minn sena.*

*Illi m'hemmx kwistjonijiet pendenti bejniethom dwar manteniment u m'hemmx lok ghal rikonciljazzjoni.*

*Illi flimkien ma din ir-risposta, l-esponenti qed jipprezenta l-affidavit tieghu in sostenn tal-premess (Dok. KM1).*

*Illi l-esponenti m'ghandux oggezzjoni li r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha.*

*Illi ghalhekk l-esponenti jissottometti li filwaqt li huwa m'ghandux oggezzjoni li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti, huwa ma ghandux ibati l-ispejjez ghal tali procedura.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat in-nota ta' KM, datata 4 ta' Jannar li permezz taghha stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza; (vide fol 19);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DM xehdet** (vide affidavit fol 2) illi l-kontendenti izzewwgu nhar id-29 ta' April 1995 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, illum maggiorenni. Sostniet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat is-6 ta' Frar 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Roberta Bisazza. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li llum ilhom mifrudin ghal aktar minn tmintax (18)-il sena. Di piu, ddikjarat li ma hemmx pendenzi ta'

manteniment stante li t-tfal taghhom illum huma maggiorenni.

**KM xehed** (vide fol 18 et seqq.) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' April 1995, liema zwieg jgib certifikat numru 500/1995 (Vide certifikat taz-zwieg fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat is-6 ta' Frar 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Roberta Bisazza (vide Dok. B fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Il-Qorti rat t-talba mhux opposta sabiex l-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha u hekk tordna.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 500/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'P', u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**